MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 41/2004

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

vs

**AMBROSE Ltd bħala debitur prinċipali u William u Maria konjuġi AMBROGIO bħala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta’ Jannar, 2004, li bih is-soċjeta’ attriċi wara li ppremettiet:

Illi l-Bank attur ikkonċeda lis-soċjeta’ konvenuta Ambrose Ltd faċilitajiet ta’ self u “overdraft” u in forza ta’ dawn il-faċilitajiet l-imsemmija soċjeta’ sselfet flus mingħand il-Bank attur u għandha debitu bilanċjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta’ tmint elef tlett mija tnejn u erbgħin lira maltin tnejn u għoxrin ċenteżmi (Lm8342.22) skond “statements” hawn annessi u mmarkati Dok. “A” u Dok. “B” bl-interessi kkalkolati sat-tlettax (13) ta’ Jannar, tas-

sena elfejn u erbgħa (2004) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mill-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi permezz ta' skrittura privata datata wieħed u tletin (31) ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) li l-oriġinal tagħha hija hawn annessa u mmarkata Dok. "C" il-konvenuti William u Maria konjuġi Ambrogio kienu iggarantixxew solidalment mas-soċjeta' konvenuta l-ħlas lura ta' dan id-debitu sa' l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf liri maltin (Lm25,000) skond kif hemm aħjar deskritt;

Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu dan id-debitu anke uffijalment, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. M'għandhomx il-konvenuti jiġu kollha solidalment ikkundannati sabiex iħallsu lil Bank attur is-somma ta' tmint elef tlett mija tnejn u erbgħin liri maltin tnejn u għoxrin ċenteżmi (Lm8342.22) skond "statements" hawn annessi u mmarkati Dok. "A" u Dok. "B" bl- interessi kkalkolati sat-tlettax (13) ta' Jannar, tas-sena elfejn u erbgħa (2004) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mill-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali li ġġib id-data tal-1 ta' Ottubru 2002, tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji ppreżentati kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħaxijiet legali mill-14 ta' Jannar 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta li d-diretturi tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom, u kontra l-konvenuti l-oħra li huma ukoll minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota tal-konvenuti mressqa waqt is-smigħ tal-lum li biha ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------